Minuti tas-47 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li giet imsejha b'urgenza u li saret nhar il-Erbgha 6 ta' April, 2016. Il-laqgha nbdiet hin 8.40am.

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Apap Agius |
| Vici-Sindku | Carmen Vella |
| Kunsillier | Emanuel Muscat<br>Anthony Camilleri |
| **Ufficjali:**<br>Segretarju Ezekuttiv | Emily Amatulli-Depasquale |

Shirley Ann Cecchini infurmat lill-Kunsill li ma setghetx tattendi minhabba xoghol.
L-Ambaxxatrici V16 ma setghetx tattendi minhabba l-iskola.

**1.0 Bollard / Hadida fi Pjazza Zjara tal-Madonna k/a Triq Dun Alwig Mizzi**

1.1 Gie spjegat li kif sar qbil waqt l-ahhar laqgha giet mitluba laqgha mat-Transport Malta sabiex issir site visit fuq il-post minhabba l-bollard / hadida fi Pjazza Zjara tal-Madonna. Is-Sindku spjega li kienet qeghda ssir pressjoni min-naha tat-Transport Malta u CMU dwar dan u ghaldaqstant kellha tisejjah laqgha b'urgenza sabiex il-Kunsill jiddiskuti l-proposta.

Is-Segretarju Ezekuttiv qrat l-ittra dwar il-proposta li kienet qeghda ssir wara s-site visit li ghaliha attendew is-Sindku, is-Sur Ruben Said u il-Perit Clint Camilleri mit-Transport Malta u s-Sur Noel Cardona min-naha tac-CMU. Gie ukoll muri u spjegat id-disinn tal-proposta.

Il-preokupazzjoni tal-Kunsill bhal ma' diga gie diskuss precedentament hija s-*safety* tan-nies li jkunu ghaddejin bil-mixi. Mill-banda l-ohra waqt is-*site visit* hareg car li l-preokupazzjoni kemm tal-awtoritajiet kif ukoll tal-propjetarji tal-post hija l-ewwel u qabel kollox li ma jsirx hsara lill-bini privat, cioe' fil-kantuniera tal-post.

Emanuel Muscat qal li l-biza' tieghu hija li min ikun ghaddej bil-karozza jitla' fuq il-bankina u jwegga' xi hadd. Gie spjegat li min jaghmel hekk ikun qed jipperikola li jaghmel hsara fil-vettura tieghu u bil-bollards kif proposti jekk xi hadd jitla' fuq il-bankina ser ikun qed jaghmel hsara permezz taghhom.

Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li l-hadida ghadha tehel mill-kurduna 'l gewwa u huwa importanti li min-naha ta' Triq Dun Alwig jithalla bizzejjed spazju jekk ikun possibli li tghaddi pushchair u l-hadida li tehel tkun tista' tinqala f'kaz ta' bzonn.

Apparti dan il-Kunsill qabel ukoll li faccata mar-residenza numru 86 f'Triq Dun Alwig Mizzi issir talba ghal *double yellow lines* sabiex ma jkunx hemm parkegg kif ukoll tabelli *no waiting*.

**2.0 Materji ohra**

2.1 Emanuel Muscat semma li fi Triq Birbuba ezatt kif tispicca l-parti d-dejqa faccata tad-dar 'Cactus' qed isir parkegg li qed jiddisturba t-traffiku li jkun diehel / hiereg minn Triq Birbuba. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir talba mat-transport Malta ghal *double yellow lines*.

2.2 Emanuel Muscat sewwa dwar l-*isleeping policeman* li iridu jsiru fi Triq Birbuba. Il-Kunsill qabel li ghandha tinhareg offerta' ghal dan ix-xoghol.

2.3 Il-Vici Sindku qalet li l-bozoz il-godda li twahhlu mhumiex jixghelu. Is-Sindku spjega li dawn ghandhom jinxtghelu min-naha ta' l-Enemalta wara li ssir l-ispezzjoni u jkunu certifikati mill-Inginiera Galea Curmi. It-talbiet ghal bozoz godda iridu isiru ghand il-Kunsill u wara mibghuta lill-Kumitat Regjonali ghall-approvazzjoni.

2.4 Il-Vici Sindku semmiet li l-canvas ta' Triq l-Gharb bl-attivita' ta' Rio li saret fil-*weekend* li ghadda kien ghadha imwahhla u ziedet tghid li l-canvas tal-Milied kienet baqghet hemm u tal-Ezercizzji ma setghetx titwahhal.

Is-Sindku spjega li dan mhuwiex minnu u kompla jghid li kien hemm komunikat mall-Arcipriet Mons. Joseph Sultana u l-*banner* tal-Ezercizzji twahhlet u ghal xi raguni li ma ahniex konxji taghha wara xi jumejn inqalghet.

Qabel ma' twahhlet tal-Gemellagg kien ikkuntatjat l-Arcipriet fejn kien mistoqsi jekk hux ser terga tehel tal-Ezercizzi u huwa wiegeb li le u ghalhekk twahhlet tal-gemellagg.

Il-laqgha spiccat hin 9.03am.

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv